# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 15/97G

Kristinu u Michelina konjugi Camilleri

vs

Direttur tas-Sigurta' Socjali, u ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom il-Prim Ministru ta' Malta, l-Ministru Responsabbli mis-Sigurta' Socjali u d-Direttur tax-Xoghol li gie kjamat fir-rikors b' digriet tad-29 ta' Dicembru 1998

Illum 18 ta' Gunju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod iktar preciz fit-8 ta'

Lulju 1987 ir-rikorrenti sofrew ingustizzja lampanti billi r-rikorrent, Kristinu Camilleri kellu l-kuntratt tal-vettura tieghu li kienet impressed mad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali li ma giex imgedded fid-9 ta' Lulju, 1987.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan ir-rikors kienu s-segwenti:

(i) illi l-vettura tieghu giet ingaggjata bhala impressed b'kuntratt mad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, fid-9 ta' April 1987;

(ii) illi baqa' kkuntrattjat hekk sa meta l-kuntratt ma regax gie mgedded fid-9 ta' Lulju 1987;

(iii) illi r-raguni li tawh li ma kienx hemm bzonnu mhix f'lokha. Lil min taw ix-xoghol li kellu hu, li jmur u jigi kuljum Malta bix-xoghol fl-Ufficcju, sabha difficli ghax kellu karrozza u mhux van bhal ma kellu r-rikorrent.

(iv) illi l-kuntratt tal-vettura tieghu impressed mad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali ma regax gie mgedded lilu mhux ghax ma kienx hemm bzonn l-istess vettura mad-Dipartiment, imma bl-iskop specifiku li titnehha tieghu u li tigi ngaggjata vettura ohra bhala impressed li kienet tappartjeni lill-persuna ta' kulur politiku differenti minnu u dan minghajr ma hadd ma tah preavviz jew raguni valida fil-ligi;

(v) illi l-ghajxien tieghu kien jiddependi minn hemm u sofra financial hardship kbir.

(vi) illi annetta l-Engagement History Sheet tieghu li turi d-dati taz-zmien li dam jahdem bil-kuntratt mad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u giet immarkata 'Dok.A'.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti fil-waqt li rriservaw li jgibu l-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment taghhom skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi jilqa' t-talba taghhom u konsegwentament jinghataw rimedju skond il-ligi, kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun, xieraq u gust, u ghal dan l-iskop ir-rikorrenti talbu li r-rikorrenti Kristinu Camilleri jitpogga fl-istess pozizzjoni li kien fit-8 ta' Lulju 1987 qabel ma l-vettura tieghu giet imnehhija minn impressed, jew alternattivament jekk l-istess rimedju mhuwiex aktar possibli, billi jigi ordnat jew li jinghaa, impjieg ma' l-istess Dipartiment tas-Servizzi Socjali u/jew li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal, u dana taht dawk il-provvedimenti u mizuri li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi. Bl-ispejjez kontra intimati nomine.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentata mir-rikorrenti.

Ra r-risposta tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali , il-Prim Ministru u l-Ministru ghas-Sigurta' Socjali li eccepew:

1. Illi l-ewwel lok dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ratione materiae biex jisma' dan il-kaz stante li kuntratt ta' vettura

impressed ma jinkwadrax ruhu fid-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Illi tali kuntratt huwa wiehed ta' servizz u mhux ta' dhul fl-impjieg u bhala tali jezorbita mill-ambitu tal-ligi msemmija. Inoltre r-rikorrent qed jilmenta terminazzjoni tal-kuntratt (ta' servizz) u l-istess ligi li twaqqaf dan it-Tribunal ma tikkontempla imkien terminazzjoni ta' impjieg (multo magis wiehed ta' servizz).

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, bl-aktar mod lampanti kemm il-Prim Ministru kif ukoll il-Ministru responsabbli ghas-Sigurta' Socjali gew intimati inutilment u b'mod vessatorju billi huma qatt ma kellhom relazzjoni guridika mar-rikorrenti.

3. Illi subordinatament bla pregudizzju u fil-mertu, jinghad illi t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' vettura impressed kien dettat mhux mill-konsiderazzjonijiet li qed jghidu r-rikorrenti imma minhabba fatturi ta' pizijiet finanzjarji fuq id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Id-Dipartiment ma kienx jehtieg vettura kbira (pick-up truck) li kienet suggetta ghall-hlas akbar biex taghmel il-vjagg fuq il-bahar bejn iz-zewg gzejjer. Kien, ghalhekk, li gie deciz li tintuza vettura zghira biex is-servizz ikun aktar ekonomiku.

Ghaldaqstant l-intimati talbu li preliminarjament dan it-Tribunal joghgbu jiddikjara li m'ghandux gurisdizzjoni biex jisma' dan il-

kaz u subordinatament jillibera mill-gudizzju kemm lill-Prim Ministru kif ukoll il-Ministru Responsabbli ghas-Sigurta’ Socjali kif ukoll jichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimati.

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xoghol li eccepixxa:-

Illi hu gie kjamat inutilment fil-kawza bl-ismijiet fuq premessi stante illi huwa ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti peress illi kuntratti ta’ impressed drivers u t-tigdid taghhom ma jaqghux taht il-mansjoni tad-Dipartiment tax-Xoghol.

Illi l-unika responsabbilita’ tieghu huwa illi jforni l-vettura u s-sewwieq taghha lid-Dipartiment li jaghmel rikjesta ghal impressed driver u hu bl-ebda mod ma jiddeciedi t-terminazzjoni tal-ingagg tal-impressed driver koncernat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-kjamat in kawza talab li dan t-Tribunal joghgbu jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur ghal-lanjanzi tar-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi fl-ewwel lok hemm l-eccezzjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali , tal-Prim Ministru u l-Ministru ghas-Sigurta' Socjali li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ratione materiae biex jisma' dan il-kaz stante li kuntratt ta' vettura impressed ma jinkwadrax ruhu fid-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Fir-rikors fl-ismijiet "Anthony Mifsud vs Korporazzjoni ghas-Servizz ta` l-Ilma" deciz fis-16 ta' Frar, 1998, it-Tribunal qal:

"Ghalhekk il-kompetenza tat-Tribunal hija

[a] dwar ilmenti miktuba minn persuni li jallegaw li garrbu ingustizzja

[b] li l-ingustizzja trid tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab [in consequence of undue distinction, exclusion or preference which has been made or given to his prejudice, or of any disability or restriction to which he has been subjected]

[c] b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar dak imsemmi aktar l-isfel.

Issa l-lista elenkata fil-paragrafi 6 (1) (a) (b) (c) (d) hija ezawrjenti b'mod li bil-fors il-kwistjoni trid tirriferi ghal hatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, dhul fl-impieg, licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi u dan ad eskluzzjoni ta' xi azzjonijiet simili jew ftit differenti? Hu necessarju li l-kazijiet jaqghu precizament f'dawn it-termini, jew il-ligislatur ried jinkludi kazi ohra li huma ta' l-istess natura? Ghandhom jigu kunsidrati ingustizzji ohra li pero' ma humiex strettament hatra, promozzjoni, jew trasferiment, izda possibilment xi ingustizzja ohra mhux specifikament imsemmija izda li hi ta' l-istess natura?

Jekk hi inkluza promozzjoni certament li tidhol promozzjoni b'data differenti [anticipata jew posticipata]; kif ukoll hija inkluza "demotion". Jekk gie inkluz trasferiment [minn Dipartiment ghal iehor, jew sezzjoni ghal ohra] ghaliex m'ghandiex tigi inkluza rizenja sfurzata mic-cirkostanzi! Jidher li l-ispirtu tal-ligi kien li tkopri l-ingustizzji kif elenkati izda mhux li tinghata interpretazzjoni ferm restrittiva b'mod li jigi stultifikat l-iskop tal-ligi specjali li saret.

Dan it-Tribunal ihoss li hu ferm difficli li "a priori" jaghmel regoli precizi ta' dawk l-azzjonijiet kollha li jaqghu fil-kompetenza tieghu u liema le. Hu necessarju li f'kull kaz fejn ma huwiex specifikament imsemmi mill-istess ligi li t-Tribunal jezamina jekk il-kaz jinkwadrax.

Ikkunsidra li l-Korporazzjoni intimata qedgha ssostni li l-karozzi huma impressed u mhux id-driver, li dawk id-drivers ihallsu l-bolla tan-National Insurance tas-"self-employed" u jhallsuha huma kollha, la ghandhom leave u lanqas sick leave.  Dawn fil-fehma tal-Korporazzjoni jeskludu lil min hu bhal rikorrent milli jaqgha that il-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Pero' hu ta' min isemmi li ghalkemm ix-xhud tal-Korporazzjoni semma li l-karozza hi impressed u mhux ix-xufier, hemm il-kundizzjoni li l-vettura "must be owner driven" b'mod li l-ftehim ghalhekk qieghed isir mhux ghall-uzu esklusiv tal-karozza izda bhala kundizzjoni fundamentali li ma' l-uzu tal-karozza irid ikun hemm ukoll is-sewqan mis-sid.  Ghalhekk, ghalkemm strettament dan ix-xoghol ma jinkwadrax ruhu f'impieg b'mod li l-bolla tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali tithallas ta' self-emplyed, u li l-Manager tal-Personnel ma jkollux x'jaqsam maghhom direttament,  xorta wahda ghall-iskop ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghandu jitqies bhala "dhul fl-impieg".  Jekk saret ingustizzja relattiva ghal impressed driver din ma tesorbitax mill-kompetenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Ghall-istess motivi jichad l-imsemmija eccezzjoni fil-kaz odjern.

Wara l-istess Direttur tas-Sigurta' Socjali, Prim Ministru, u Ministru tas-Sigurta' Socjali eccipew li tali kuntratt huwa wiehed ta' servizz u mhux ta' dhul fl-impjieg u bhala tali jezorbita mill-ambitu tal-ligi msemmija. Inoltre r-rikorrent qed jilmenta terminazzjoni tal-kuntratt (ta' servizz) u l-istess ligi li twaqqaf dan it-Tribunal ma tikkontempla imkien terminazzjoni ta' impjieg (multo magis wiehed ta' servizz).

Illi fil-kawza deciza minn dan it-Tribunal fis-7 ta' Marzu, 2000 fl-ismijiet Bezzina Carmel vs Direttur Dipartiment tal-Edukazzjoni [Rikors 759/97] dan it-Tribunal qal hekk:

"Illi l-kaz in ezami jirreferi mhux ghal tkeccija ossija terminazzjoni ta' impieg kif isostni l-intimat izda **f'nuqqas ta' hatra gdida ghal perijodu iehor normalment ta' tlitt xhur ohra minhabba il-bzonn tal-intimat u peress li r-rikorrent kien precedentement impjegat mal-intimat.** Ikun kaz ta' terminazzjoni ta' impieg jekk ir-rikorrent gie mwaqqaf **matul il-kors ta' l-impieg** ghal xi raguni valida jew le. S'issa ma instemghux provi f'dan il-kaz u ghalhekk jekk ikun il-kaz ta' terminazzjoni dan it-Tribunal ikollu jieqaf hemm. Izda kif jirrizulta sa dan l-istadju l-ilment hu ta' kompetenza tat-Tribunal." [Ara wkoll Carmelo Farrugia vs Chairman MDC et deciza fit-28 ta' Gunju, 2000].

Ghall-istess motivi jichad din l-eccezzjoni.

Wara hemm it-tielet eccezzjoni preliminari u cioe' li kemm il-Prim Ministru kif ukoll il-Ministru responsabbli ghas-Sigurta' Socjali gew intimati inutilment u b'mod vessatorju billi huma qatt ma kellhom relazzjoni guridika mar-rikorrenti.

L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li:

"Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."

Ir-rikorrent isostni li dwar l-ilment kollu kien responsabbli il-Gvern fl-intier tieghu u ghalhekk il-Prim Ministru u dan ghax jirritjeni li l-ingustizja li saret mieghu kienet ukoll tikkonsisti filli ma giex moghti kuntratt anke ma' dipartiment iehor tal-Gvern. Fil-fehma tat-Tribunal dan ma jaghmilx sens. Minn-natura tieghu tal-kuntratt originali tal-impressed kif ukoll in-nuqqas ta' hatra gdida minn zmien ghal zmien ma jistghux jaghtu drittijiet lir-rikorrent dwar Dipartimenti ohra li ma kinux koncernati. Ghalhekk certament il-kawza missa giet istitwita biss kontra d-Direttur [ara wkoll rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99] u ghalhekk jillibera lill-Prim Ministru u Ministru mill-osservanza tal-gudizzju.

Dwar il-meritu tal-kaz ir-rikorrent ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Kellu vettura impressed mal-Gvern u kien jinzel bix-xoghol Malta u anki jtella' xi xoghol minn Malta. Semma li s-sur Grima – area officer f'Ghawdex kien qallu li kien ircieva ordni minn Malta biex lilu jwaqqfuh mix-xoghol. Spicca jiregistra ghax-xoghol ghal sentejn u nofs sakemm imbaghad reggha bega jahdem ghal rasu. Meta kien dahal jahdem kellu pick-up, u kellu jaghmillu tinda security, maghluqa bil-bibien u b'kollox - spiza ta' Lm450. Sostna li dak li gara sar b'vendikazzjoni minhabba l-kulur politiku tieghu.

Anton Hili li dak iz-zmien kien responsabbli mill-Labour Office gewwa Ghawdex semma li fil-bidu ta' April 1987 kien hemm talba mis-Sur Anton F. Attard, li dak iz-zmien kien jahdem fis-Segretarjat gewwa Ghawdex, ghall-van biex jaqsam bejn Malta u Ghawdex. Din il-vettura kienet se tkun *detailed* mad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali. Kien hemm ir-rikorrent li kellu *light van* u wara li r-rikorrent weghdu li kien se jalghqu dan il-van, iddecida li jibghat lilu. Zied li xi zmien wara kien kellmu is-Sur Chircop li kien inkarigat mill-amministrazzjoni fid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, mill-accounts, u kien qallu li l-Gozo Channel kienet qed ticcargjahom ghal din il-vettura bhala truck u xi zmien wara lir-rikorrent kienu waqqfuh. Imbaghad bdew jutilizzaw karozza milli kellhom huma diga impressed mad-Dipartiment. Minn dak in-nhar sal-lum ma dahal hadd wara r-rikorrent bil-vettura impressed mad-D.S.S. Il-vetturi li huma 'impressed' illum huma 'light cars'.

Adrian Attard principal officer fid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali xehed li t-talba sabiex tigi ngaggatha impressed car ohra mad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, ma saritx mill-istess dipartiment izda saret mis-Segretarjat li kien jezisti dak iz-zmien f'Ghawdex. It-talba mill-istess Segretarjat jidher li saret ghall-van. Pick-up truck kien jinvolvi iktar spejjez ghall-vjaggi li kellu jaghmel minn Ghawdex ghal Malta u vici-versa u ghalhekk gie deciz li, biex ikun hemm qtugh fl-ispiza tad-Dipartiment, il-kuntratt tal-vettura tar-rikorrent jigi terminat. Ma nhassitx il-htiega li t-truck tar-rikorrent jigi irriplejcjat b'vettura ohra. Dwar l-ispejjez semma li d-Dipartiment kien jigi ccargjat ta' truck u mhux ta' van. Iz-zewg vetturi li ghandu d-Dipartiment, huma impressed. Dawn iz-zewg vetturi li kienu diga impressed mad-Dipartiment meta giet ingaggatha l-vettura tar-rikorrent, sa' llum ghadhom jintuzaw mid-Dipartiment. Ir-rikorrent kien ingaggat mad-D.S.S.

Mario Caruana rapprezentant tad-Direttur tax-Xoghol ikkonferma r-risposta ta' l-istess direttur ghar-rikors. Id-Dipartiment tax-Xoghol kien jagixxi fuq talba ta' dipartiment jew korp iehor u ghalhekk ma kienx ikun involut bl-ebda mod fid-decizjoni li tigi ngaggatha vettura ma' xi dipartiment jew korp jew fid-decizjonijiet li ma jiggeddidx jew li jigi terminat l-impressment ta' vettura ma' xi dipartiment jew korp.

Ikkunsidra

Illi għalhekk irrizulta li r-rikorrent kien gie ingaggat matul 1987 bil-van impressed. Xi zmien wara inhass li kien hemm spejjez zejda bix-xoghol li qieghed jaghmel hu u gie deciz li l-kuntratt ma jigix imgedded. Ma ddahhal hadd wara r-rikorrent u baqghu jahdmu dawk li kienu dahhlu qablu u li kellhom karozza u mhux van. Il-kuntratt kien bejn ir-rikorrent u d-Dipartiment tas-Servizzi Socjali.

Dwar l-eccezzjoni tad-Direttur tar-Xoghol irrizulta li dan ma kellu ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent. Infatti tigdid tal-kuntratti bl-impressed ma jaqghux taht il-mansjonijiet tieghu. Ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni tal-istess Direttur u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghalhekk l-ilment jibqa' dirett biss fil-konfront tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali. Izda hawn ukoll it-Tribunal ihoss li ghandu jilqa' l-eccezzjoni tal-istess intimat. Dan sostna li t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' vettura impressed kien dettat mhux mill-konsiderazzjonijiet li qed jghidu r-rikorrenti imma minhabba fatturi ta' pizijiet finanzjarji fuq id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Id-Dipartiment ma kienx jehtieg vettura kbira (pick-up truck) li kienet suggetta ghall-hlas akbar biex taghmel il-vjagg fuq il-bahar bejn iz-zewg gzejjer. Kien, ghalhekk, li gie deciz li tintuza vettura zghira biex is-servizz ikun aktar ekonomiku. Dan gie ippruvat ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal. Inoltre ma dahhlux vetturi ohra wara mad-Dipartiment u dawk li jintuzghaw kienu dahhlu qabel. In vista ta' dan jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrenti hlief dawk rigwardanti l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari li huma a spejjez tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali.